MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 812/2002/1

**Executive Services Limited**

**vs**

**Christopher Abela f'ismu proprju u kif ezercenti fin-negozju ta' Krixer Casual Wear**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 t'April, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mija u tnejn u disghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm192.50), rapprezentanti prezz ta' reklamar u servizzi ohra relatati kif provduti mis-socjeta` attrici fuq istruzzjonijiet tas-socjeta` konvenuta;**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Anthony Vella ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(a) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u tnejn u disghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm192.50) bl-imghaxijiet legali mill-4 t'April, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**